*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 42 – 16 ta' Frar 2022**

***Minuti tat-tnejn u erbgħin laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar fis-16 ta' Frar 2022 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' virtwalment fis-sitta ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda Numru 42. Il-laqgħa bdiet fis-6:10pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Dr. Malcolm P. Galea** | Sindku |
| | **Mark Camilleri** | Viċi-Sindku |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |
| | **David Battistino** | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija:** **Ħadd**

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

**Assenti :** **Ħadd**

**Pubbliku:** **Ħadd**

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

---

## 42.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

## 42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Fuq proposta tas- Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea sekondata mill-Viċi-Sindku Mark Camilleri kienu sekondati il-minuti tal-laqgħa ta' Jannar 2022.

## 42.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

Dwar il-proġett ta' tisbieħ ta' Vjal il-Ħelsien, is-Sindku qal li kien fih bosta sfidi, imma jidher li ser ikun komplut fil-ħin. Sadanittant huwa qal li saret talba mill-istabbilimenti sabiex fi Vjal il-Ħelsien ikun hemm parkeġġ ta' tletin minuta. Wara diskussjoni, il-kunsill qabel li għandha tiġi studjata l-possibilita li jsiru tlett parkeġġi ta' tletin minuti fi Triq Sciortino.

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea informa lill-Kunsill li tnejn mill-ħaddiema tas-CWSEF m'humiex jaqdu dmirijiethom kif suppost u anke kellhom argument mat-tielet impjegat tas-CWSEF. Għaldaqstant ikun għaqli aktar li CWSEF jkunu nfurmati li s-servizz ta dawn iż-żewġ ħaddiema mhuwiex mixtieq aktar minħabba dawn in-nuqqasijiet minnufih. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera kollha. Fil-frattemp, kien maqbul li Marcel Sciriha pensjonant u ex-impjegat tas-CWSEF jibda jaghti s-servizz tiegħu għal bejn erba' u sitt siegħat kuljum sakemm ma jimtela' il-post ta Tradesman Mason li bħalissa għadu vakant. Dan għaliex il-kwalita tax-xogħol tiegħu huwa ta' livell għoli, u meta kien sekondat mal-Kunsill, Marcel Schiriha dejjem ta servizz tajjeb.

Dwar il-fanali ta' Vjal il-Ħelsien, is-Sindku qal li mhux ser jitkellem fuq dan l-item f'din il-laqgħa pero l-opinjoni tiegħu għadha konsistenti. Huwa nforma lill-Kunsill li fit-2 ta' Marzu 2022 ser ikun hemm laqgha mal-Enemalta dwar il-bozoz ta' Ħaż-Żebbuġ.

Dwar il-bus shelters fi Vjal il-Ħelsien, is-Sindku qal li għad irid jitkellem mal-AKL sabiex jitlob parir dwar dawn il-Bus Shelters, minħabba li bħalissa hemm kuntratt fis-seħħ bejn l-AKL u kumpanija lokali. Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li minn informazzjoni li għandu hemm xi 600 applikazzjoni għal bus shelter minn Malta kollha.

Sadanittant ġie mitkellem ukoll il-kunċett ta' bankijiet flok il-bus shelters, sabiex in-nies ikellhom fejn jpoġġu huma u jistennew. Ittieħed vot dwar dawn il-bankijiet. Kulħaddd qabel li dawn il-bankijiet jitweħħlu apparti l-Kunsillier George Cortis li astjena mill-vot.

## 42.4 One Way – Triq Ewġenju Borg u Triq Wied Qirda

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut**, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

Wara diskussjoni ġie maqbul unamimament li Triq Ewġenju Borg issir one-way direzzjoni lejn il-Peridot filwaqt li Triq Wied Qirda issir one-way direzzjoni mill-Peridot 'il fuq.

Inħass il-bżonn li jkun hemm diskussjoni dwar Triq Emmanuel Cilia u Triq Professur Anthony Zammit fejn Trid l-Professur Anthony Zammit għansha ssir one-way direzzjoni minn Triq Frans Sammut 'il ġewwa u Triq Emmanuele Cilia ssir one-way direzzjoni minn Triq Ambrogio Buttigieg 'il gewwa.

Fuq proposta tas-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea sekondata mill-Kunsillier Steve Zammit Lupi, tressqu dawn iż-żewġ proposti li ġew approvati unanimament.

Fis-19:30, ħareġ mil-laqgħa l-Kunsillier George Cortis.

**42.5 Traffic Plan fi Triq Mikielang Sapiano u Triq Giovanni Pullicino**

Wara li kien preżentat it-traffic plan kif imħejji mill-Perit Malcolm Cachia dwar din iz-zona, kien hemm qbil li dan il-pjan ikun studjat aktar fid-dettal sabiex ma jaffettwax ħażin lil sidien ta' heavy vehicles li hemm fil-viċinanzi. Ġie mitkellem ukoll il-ħsieb li jkunu projbit trakkijiet milli jgħaddu minn Triq Mikielanġ Sapiano jekk ma jkunux ser jipprovdu servizz f'Ħaż-Żebbuġ.

**42.6 Nar tal-Festa 2022**

Wara diskussjoni l-Kunsill qabel unanimament li anke fuq parir legali li ngħata, hemm bżonn isir risk assessment dwar in-nar li jinħaraq mill-pjazza waqt il-festi li jkunu

ċċelebrati Ħaż-Żebbuġ, fir-rigward tal-ispettaruri li jkunu miġbura, ir-residenti tal-akwata u anke il-pompa tal-petrol li għadha kemm infetħet. Is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea qal li diġa qed jiċċekja dwar risk assessors. Kien hemm qbil unanimu li n-nar għandu jkun issalvagwardjat fil-pjazza u Triq Sciortino dejjem iżda dipendenti fuq il-parir li jingħata waqt ir-risk assessment. Għandha ssir ukoll laqgħa mal-Każini u mal-Pulizija dwar dan is-suġġett.

**42.7 Vot- Tal-Flus**

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea qal li ser jerġa jintalbu kwotazzjonijiet għat-tindif tal-latrina, librerija u uffiċju tal-Kunsill għal sitt xhur oħra.

Wara diskussjoni li saret bejn il-Kunsilliera, is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea ppropona li l-vot tal-flus ikun approvat kif preżentat. Huwa kien sekondat mill-Viċi-Sindku Mark Camilleri.

**42.8 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

Il-Kunsillier David Battistino saqsa x'inhi l-prassi sabiex jintrama tower crane fi Vjal il-Ħelsien. Is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea qal li s'issa qatt ma ngħata permess sabiex jintrama tower crane fi Vjal il-Ħelsien. Il-Kunsill qabel unanimament li it-talba li hemm bħalissa pendenti, tkun irrifjutata.

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

Kien hemm diskussjoni dwar il-vot tal-flus. Is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea ppropona li l-vot tal-flus ikun approvat. Huwa kien sekondat mill-Viċi-Sindku Mark Camilleri.

**41.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fid-8:50pm. U ġiet aġġornata għas-17 ta’ Marzu 2022.

**Dr. Malcolm P. Galea**

**Sindku**

**Paula M. Valletta**

**Segretarju Eżekuttiv**